MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 609/2012

**A B**
**vs**
**Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil**
**li b' digriet tal-25 ta' Jannar 2013 gew nominati kuraturi deputati**
**biex jirraprezentaw l-assenti A C B nee' D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attur tas-26 ta' Novembru 2012 li permezz tieghu talab li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Rat li l-konvenuta tinsab assenti u rapprezentata minn kuraturi deputati.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta' Lulju 2006, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-8 ta' Ottubru 2010 wara li l-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali fis-sena 2007 u l-ebda manteniment ma gie akkordat lilha.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------